

Brussell, 1 ta' Lulju 2025
(OR. en)

10122/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0165(NLE)

AELE 50
MI 379
FL 25
ISL 26
N 35
ENER 244

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Komitat Konġunt taż-ŻEE, dwar l-emenda tal-Anness IV (L-Enerġija) tal-Ftehim ŻEE (EPBD)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) .../...

ta' ...

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, dwar l-emenda tal-Anness IV (L-Enerġija) tal-Ftehim ŻEE (EPBD)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194(2) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹ u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mingħand il-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1994/2894/oj>.

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea² (il-“Ftehim ŻEE”) daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista’ jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, l-Anness IV (L-Enerġija) tal-Ftehim ŻEE.
- (3) Id-Direttiva (UE) 2018/844 li temenda d-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija³ jenħtieġ li tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Il-kundizzjonijiet għal eżenzjoni temporanja u kondizzjonali għall-Iżlanda milli tapplika d-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ għadhom fis-seħħ, minħabba l-istokk tal-bini relattivament reċenti u uniformi tal-Iżlanda. L-eżenzjoni jenħtieġ li tkun strettament limitata fiż-żmien u jenħtieġ li tapplika biss sakemm id-Direttiva (UE) 2024/1275 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ tkun ġiet inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

² ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/1994/1/oj.

³ Id-Direttiva (UE) 2018/844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 75, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2018/844/oj>).

⁴ Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2010/31/oj>).

⁵ Id-Direttiva (UE) 2024/1275 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ April 2024 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L, 2024/1275, 8.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1275/oj>, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1275/oj>).

- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness IV (L-Enerġija) għall-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan.
- (6) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE jenħtieġ għalhekk li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni meħmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Anness IV (L-Enerġija) tal-Ftehim ŻEE, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
